**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anzjan Nikolai Sant]**

**vs**

**Eyob Melake Ecobagaber**

**Kumpilazzjoni Numru: 324/2018**

**Illum, is-sebgha (7) ta' Mejju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Eyob Melake Ecobagaber detentur tal-karta tal-identità bin-numru 113872A** akkużat talli nhar it-23 ta' Mejju 2018 gewwa dawn il-Gzejjer:

1. **Minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali fuq il-persuna ta' -Omissis-, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u, jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' gisem ta' persuna ohra; (Art. 198(1) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

2. **Bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil -Omissis- kontra l-volontà taghha, jew taghah l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata; (Art. 86 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

3. **Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' -Omissis-; (Art. 221 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

4. **Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. D. Clarke LL.D datata nhar il-05 ta' Mejju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula; (Art. 49, 50 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

5. **Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. D. Clarke LL.D. datata nhar il-05 ta' Mejju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula; (Art. 22 Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Mejju, 2021 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 198(1)(4)(5), 206, 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 23(1)(a)(2)(4)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 7, 8, 11, 14, 15A(1)(2), 16, 17, 19, 22 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta[1] li nghatat fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu 2022 liema sentenza giet appellata liema decizjoni nghatat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar 2024[2] liema sentenza annullat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kif diversament presjeduta sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skont il-ligi;

Rat l-assenzjazzjoni moghtija mill-Prim Imhallef Dr Mark Chetcuti datata sitta u ghoxrin (26) ta' Frar 2024 fejn din il-kawza giet assenjata lill-Magistrat sedenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

[1] Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech – a fol 402.
[2] Qorti tal-Appell per Imhallef Dr Neville Camilleri – folio 536.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difiza u rat in-nota ta' sottomissjoni tal-prosekuzzjoni;

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi importanti t-testimonjanza ta' **<u>PS750 Terry James Mallia</u>** li kien l-ewwel ufficjal tal-pulizija li mar fuq il-post u fejn jghid illi mal-wasla tieghu fuq il-post ra persuna maskili ta' karnaggjon skura li mill-ewwel indikawlu li seta' kellu x'jaqsam mal-kaz. Imbaghad mar fejn it-tfajla li allegatament kienet giet attakkata li kienet fil-blokka tal-appartamenti biswit il-post tal-incident fejn din kienet agitata hafna u meta beda jipprova jkellimha din aktar bdiet tidhol 'il gewwa bil-biza'. Ghalhekk hass li kellu jghajjat ufficjal femminili fejn giet WPC291. Il-vittma kkonfermat maghha li kienet giet attakkata minn persuna maskili ta' karnaggjon skur fejn huma u hergin biha, din gharfet lill-imputat li kien ghadu fil-parkegg. Fil-post fejn kien l-imputat kien hemm par zarbun li kien jappartjeni lill-vittma -Omissis-. Jghid ukoll illi din kellha l-hwejjeg kollha mqattgha bil-parti ta' fuq jidher il-bra. Il-vittma qaltilhom ukoll illi l-basket taghha kien nieqes izda dawn baqghu ma sabuhx. Inkontroezami x-xhud ikkonferma illi l-imputat kien baqa' fil-post tal-incident ghaliex wara l-allegat aggressjoni t-tfajla dahlet tigri gol-blokka

appartamenti u hemm kien hemm xi persuni li zammew lill-imputat milli jahrab.

Semghet ukoll lil **PC345 Mark Cremona** li mar fuq ix-xena wara l-ewwel surgent u hemmhekk ra lill-vittma bil-hwejjeg imqattgha u tikbi fejn hija kienet qed tghid illi dak il-lejl kienet Footloose u harget tpejjep sigarett fejn kien avvicinaha persuna maskili Franciza fejn hemmhekk bdew jitkellmu u tghid illi dan kaxkarha sal-parkegg tal-Axis u hemmhekk mar ukoll l-akkuzat u nezzghalha l-gakketta, ghollilha d-dublett, ressqilha l-qalziet ta' taht u ppenetraha. Il-vittma qaltilhom ukoll li waqt dan l-att dan il-Franciz kien qed izommha. Qaltilhom ukoll illi waqt l-att qabdet iz-zarbun taghha u tatu daqqa u girfitlu ghonqu lill-imputat fejn huwa kkonferma illi l-imputat fil-fatt kellu xi grif f'ghonqu li kienu ghadhom friski tant li kien talabhom bicca sabiex jimsah id-demm.

Ix-xhud jghid ukoll illi ra l-kameras tas-sigurtà tal-istabbiliment Axis fejn kien jidher illi l-akkuzat dahal fil-parkegg ftit wara li kienet dahlet il-vittma.

**WPC376 Yana Buttigieg** li wara li dahlet maghha fl-ambulanza li giet apposta biex tehodha l-isptar hija hadet il-verzjoni taghha fejn ikkonfermatilha li kienet harget

mill-istabbiliment Footloose sabiex tpejjep u hi u bdiet miexja lejn il-parkegg tal-Axis hatafha persuna ta' karnaggjon skur fejn dan nehhilha l-gakketta, tellghalha d-dublett, ressqilha l-qalziet ta' taht u ppenetraha. Hija qaltilha wkoll li tul dan l-att tatu daqqa ta' zarbuna fuq wiccu u li girfitu fuq ghonqu u wiccu. Hija ddeskrivietu bhala persuna ta' karnaggjon skur, xaghru qasir, kellu daqsxejn lehja u mustacci. Ikkonfermatilha wkoll illi l-persuna li ltaqghet maghha qabel ma giet aggredita u li bdiet tkellimha bil-Franciz kien qed izommha waqt l-aggressjoni. Tghid illi l-vittma kienet fi stat ta' agitazzjoni kbira waqt li kienet qed tkellimha.

**<u>L-Ispettur Nicolai Sant</u>** ikkonferma l-verzjonijiet li taw l-ufficjali qablu u fejn zied illi l-persuna li kienet iltaqghet mal-vittma u li bdiet tkellimha bil-Franciz kienet ghamlet xi sinjal lill-imputat biex imur hdejhom. Jghid illi l-imputat kien innega li stupraha izda li kellu argument maghha. Jghid illi fil-fatt l-imputat kellu xi grif fuq ghonqu u wiccu.

Finalment huwa pprezenta numru ta' dokumenti.[3]

[3] Dok. NS1 – sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dok. NS2 – dokument mahrug mill-isptar Mater Dei fejn juri li Nina Schmidt De Champ kienet giet ezaminata bhala vittma ta' vjolenza sesswali,

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta kellha l-okkazjoni li tisma' x-xhieda tal-allegat vittma **-Omissis-** bis-sistema awdjoviziva fejn din spjegat illi dakinhar tal-incident kienet go klabb f'Paceville flimkien ma' xi hbieb taghha fejn din harget wehidha sabiex tpejjep sigarett imbaghad meta regghet dahlet lura u ma sabitx lil shabha ddecidiet tohrog fit-triq sabiex tfittixhom. Imbaghad tghid illi meta kienet quddiem il-lukanda Hugo waqaf ikellimha wiehed Franciz li kien twil u xaghru car u li kien ma' wiehed iswed u mhux twil hafna qisu daqsha. Tghid li dan tal-ahhar kien liebes jeans, t-shirt u sports shoes u xaghru bin-nokkli zghar. Hija tghid illi peress li kellha xokk kbir tiftakar flashes u allura ma tiftakarx ezattament il-kronologija tal-fatti.

Tirrakonta kif il-Franciz imbuttaha b'mod vjolenti mal-art u dan ivvjolentaha fuq il-parti ta' quddiem ta' karozza. Tghid illi l-persuna sewda kien hemmhekk ukoll. Tiftakar illi hija ddefendiet ruhha minn dawn l-aggresssuri u li girfithom. Tghid illi l-persuna sewda kienet gharfitu fuq il-post meta gew il-pulizija u gharfitu dakinhar tax-xhieda wkoll. Hija tghid ukoll illi l-abjad stupraha fuq il-bonnett tal-karrozza u l-iswed stupraha mal-art. Hija tghid illi tat daqqa ta' takkuna lill-abjad izda lill-iswed ma tahsibx li tatu daqqa ta' takkuna ghaliex kien qed izommha.

Semghet l-espert digitali **Keith Cutajar** li analizza l-kameras tas-sigurtà tal-istabbiliment Arcadia fejn seta' johrog filmat li juri persuna femminili hafja biz-zarbun f'idejha tiddiskuti ma' zewg irgiel li wiehed minnhom kien liebes hoodie u li x'aktarx dan kien ta' karnaggjon skur.[4]

Xehed **RPC3112 John Debattista** li kien prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputat fejn jikkonferma li huwa beda jhawwad fir-risposti tieghu meta beda jsaqsih id-domandi l-Ispettur u l-hin kollu beda jghid li hija kienet mignuna.

**WPC369 Stephanie Cassar** ikkonfermat li hija kienet giet nominata fl-atti tal-inkjesta sabiex tiffotografa lill-vittma kif ukoll xi hwejjeg relatati mar-reat.[5] **PC406 Shaun Micallef** min-naha tieghu kkonferma li hu gie nominat fl-inkjesta sabiex jghaddi xi samples li ttiehdu mill-ginekologa Dr Olivianne Cassar ghal ghand Dr Marisa Cassar ghall-analizi tad-DNA.[6]

**Dr Marisa Cassar** xehdet inkwantu ghar-rizultanzi taghha tad-DNA mghoddija lilha mill-pulizija fejn hija

[4] Dok. KC1 – folio 90-97.
[5] Dok. SC1 – a folio 153.
[6] Dok. SM1 – a folio 143 et. seq.

ezaminat serje ta' esebiti [7]. Ir-rizultanzi wrew illi *"il-kampjun buccal swab kien negattiv ghall-"acid phosphotase", il-kampjun vulval swab u low vaginal swab kienu "weakly positive" ghall-"acid phosphatase". Il-kampjuni high vaginal swab u vaginal wash kienu pozittivi ghall-prezenza ta' 'acid phosphatase'.* Inoltre' mir-rapport ipprezentat mill-espert[8] jirrizulta wkoll il-prezenza tal-acid phosphatase fuq t-shirt tal-imputat[9], shorts tal-imputat[10], u qalziet ta' taht tal-imputat.[11] Gie konkluz ukoll illi nstab xi demm fil-vagina tal-vittma.

Ix-xhud tkompli tikkonferma, wara li saret il-komparazzjoni tad-DNA mis-samples li ttiehdu mill-indumenti tal-imputat mad-DNA tieghu, illi dawn jaqblu ma' tieghu stess u cioè li l-acid phosphatase li nstab fuq il-hwejjeg tieghu jikkombacjaw mad-DNA tieghu stess.[12]

Xehdet ukoll il-ginekologista mqabbda fl-inkjesta **<u>Dr Olivia Anne Cassar</u>** li kkonfermat ir-rapport imhejji minnha Dok. NS2[13] u xehdet illi mal-ezaminazzjoni vizwali tal-vittma setghet tara griehi bhal brix tul il-gisem

---

[7] 18BES201, 18BES202, 18BES203, 18BES204, 18BES205, 18BES206, 18BES207, 18BES208, 18BES209, 18BES210, 18BES211, 18BES212, 18BES213, 18BES214.
[8] Dok. MC1 – a folio 189 et. seq.
[9] Esebit 18BES208.
[10] Esebit 18BES210.
[11] Esebit 18BES212.
[12] Folio 380.
[13] Folio 113.

kollu anke fuq daharha, kellha wkoll qasma zghira fuq il-parti ta’ wara tal-parti taghha u kellha ftit demm minn gewwa u l-prezenza ta’ demm fil-pipi. Hija kkonfermat li dakinhar ma kellhiex mestrwazzjoni ghaliex dan kien xi gimaghtejn qabel u ghalhekk dan id-demm ma kienx relatat ma’ mestrwazzjoni. Hija kkonkludiet illi l-att sesswali ma kienx konsenswali ghaliex hija ma kinitx vergni qabel u ghaliex kien hemm prezenza ta’ demm u griehi fuq il-persuna.

**Dr Frances Dalli Badjadi** ezaminat lill-imputat ghall-griehi li kellu u kkonfermat illi dan kellu nefha fix-xifer ta’ lsienu fuq in-naha tax-xellug, grif fuq wiccu u fuq ic-cheek tan-naha tax-xellug u tliet (3) girfiet ohra fuq in-naha tax-xellug fuq ghonqu.[14]

Finalment xehdet **Graziella Abela** ghar-Registratur tal-Qrati Kriminali u kkonfermat li l-multa imposta mis-sentenza tal-Magistrat Dr Doreen Clarke kienet ghadha pendenti fil-hamsa (5) ta’ Mejju 2018.

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel imputazzjoni – Reat ta’ Stupru Vjolenti**

[14] Folio 14.

Illi l-imputat huwa akkuzat principarjament bir-reat ta' stupru vjolenti kkontemplat bl-Artikolu 198(1), (4) u (5) tal-Kodici Kriminali, jipprovdi:

*"(1) Kull min, minghajr kunsens, jikkommetti kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali, anali jew orali b'organu sesswali, ta' gisem ta' persuna ohra, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn sitt snin sa tnax-il sena:*

*Izda penetrazzjoni bi kwalunkwe parti tal-gisem u, jew oggett ghandha titqies kompluta hekk kif jinbeda l-kongungiment karnali, u mhuwiex necessarju li jingiebu provi ta' atti ulterjuri.*

*(4) B'zieda ma' kull piena li tista' tinghata b'sentenza lil minjinstab ħati ta' reat taht dan l-artikolu, il-Qorti tista' tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull ħaga jew rikavat minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' ghandu b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew*

*ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra, inkluz hsara morali u, jew psikologika, kagunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bhal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir hlas kif imsemmi qabel. L-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili.*

*(5) Meta tohroġ ordni taht is-subartikolu (4), il-Qorti tista' tordna li tali spejjez jew danni jithallsu bin-nifs, partikolarment billi tikkunsidra kull obbligu iehor li l-hati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma."*

Il-Qorti hawnhekk qed taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, fl-ismijiet **Police vs Yannick Jonathan Chatelle**[15], fejn intqal:

*"L-imputat primarjament gie akkuzat bir-reat ta' stupru vjolenti kif koncepit fl- Artikolu 198 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

15 Deciza fit-8 ta' Novembru, 2016.

*"L-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' stupru huwa ben stabbilit fl- ordinament guridiku taghna. L-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l- iehor, jehel, meta jinsab hati...*

*Illi essenzjalment ir-reat ta' stupru jikkonsisti fil-kongungiment karnali cioe' l- introduzzjoni jew il-penetrazzjoni ta' l-organu genital ta' persuna fl-organu genital ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment m'hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox, huwa bizzejjed li jkun hemm bidu tal-penetrazzjoni.*

*Illi ghalhekk l-istupru jirrikjedi zewg elementi: l-att sesswali, li jkun maghmul kontra l-volonta' tal-vittma, bi vjolenza.*

*Illi dwar dan l-element ta' vjolenza l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem hekk:*

*This is the characteristic element of the crime of rape and serves to distinguish it from other crimes...it is an element which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it,... The Law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: all the rest boils down to an appreciation of the circumstances of fact according to the common experience of life. Any attempts to determine a priori the intensity, the character and the degree of violence required would have been in vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime...*

*Illi dwar il-prezunzjoni ta' vjolenza f'certi kazijiet il-Professur Mamo ikompli jispjega li:*

*...our Law, like other Laws, has created certain presumptions with regard to this element of violence. Section (201) lays down that the unlawful*

*carnal knowledge shall be presumed to be accompanied with violence... When the person abused was unable to offer resistance owing to physical of mental infirmity or for any other cause independent of the act of the offender...*

*....Illi dwar il-kunsens o meno tal-vittma f'kazijiet ta' stupru Blackstone (Criminal Practice 2009 edition) jghid hekk:*

*Capacity is an integral part of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it ... Common Law principles ... suggest that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position whether or not to agree. This may arise in a variety of different circumstances; for instance when a complainant is ...intoxicated by alcohol or drugs. These principles...still apply...*

*....Dan ir-reat ta' stupru bil-vjolenza, u dan bhala kull delitt iehor, fih zewg elementi essenzjali, cioe' l-element materjali u l-element intenzjonali,*

*jigifieri fih dawn iz-zewg elementi li jridu jkunu jezistu flimkien u fl-istess hin waqt li l-imputat allegatament ikkommetta r-reat, ghaliex jekk ma jirrizultax element wiehed minnhom, allura ma hemmx r-reat.*

*Xi jfisser jew x'inhu stupru?*

*Bhala definizzjoni generali tieghu, l-istupru huwa rape u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe' fil-ghaqda ta' gisem ma' gisem iehor. Stupru ghalhekk ifisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni tal-organu genitali ta' persuna fl- organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, m'hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew ikkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun hemm biss anke parti minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz d-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-hymen u emissjoni ta' semen mhux elementi kostituttivi ta' dan ir-reat.*

*It-tieni element essenzjali f'dan ir-reat huwa dak ta' vjolenza u dan irid jissussisti indipendentement jekk il-vittma offrietx rezistenza jew le. Jigifieri mhux bizzejjed li l-vittma ma jkollhiex il-volonta', imma irid ikun hemm ir- rezistenza taghha ghal dak l-att ta' stupru. Naturalment wiehed irid jara din ir- rezistenza u x'setghet kienet minn ezami tac-cirkostanzi partikolari f'kull kaz fejn hu allegat li sar dan d-delitt. Ghalhekk f'kazijiet normali ta' stupru fejn il- vittma mhix persuna minorenni sabiex tigi konsidrata x'tip ta' rezistenza setghet toffri l-vittma, wiehed irid jikkonsidra certi cirkostanzi bhal per ezempju l-eta' tal-vittma, l-istat fiziku taghha u affarijiet simili ohra.*

*Skond il-Professur Mamo fin-Noti tieghu The Criminal Law, jghid li l-vjolenza huwa l-element karatteristiku tar-reat ta' stupru u fil-fatt huwa l-element baziku w intrinsiku ta' dan ir-reat.*

*Maino, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale - Vol 3 - pagni 178 u 179 jghid:*

*"L indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volonta' della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze dei fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."*

*....Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel fl-ismijiet il-Pulizija vs James Demanuele deciza fit-2 ta' Ottubru 2010), il-Qorti stqarret li "il-ligi taghna in tema ta' stupru tirikjedi li l-kongungiment karnali ikun sar bil- vjolenza.*

*Tali vjolenza tista' tkun fizika jew morali (jew naturalment it-tnejn flimkien). Il-ligi pero' ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia il-grad ta' vjolenza li trid tigi wzata, biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic- cirkostanzi tal-kaz u b'mod partikolari fuq l-eta' tas-suggett attiv u tas-sugett passiv, l-istat ta' sahha u l-forzi taghhom, it-temperament jew karattru taghhom kif ukoll fuq ic-cirostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. Dak li hu necessarju hu li*

*l-vjolenza tkun wahda effettiva, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness tal- kawza u l-effett, ta' mezz u fini."*

Illi l-Qorti tal-Appell, fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Magro**[16] enfasizzat:

*"Illi fl-ewwel lok ir-reat tal-istupru jikkonfigura meta l-awtur tar-reat: "bil- vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-iehor". ....*

*Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta' stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat: " The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts" ( vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194)*

*Ir-reat ta' stupru jissussisti : " upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient" (Ibid).*

[16] Deciza fit-8 ta' Novembru, 2016.

*Kif gie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. Ommissis, deciza fl-4 ta' Settembru 2003:*

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti reat."*

*Dan il-kongungiment karnali irid necessarjment isir minghajr il-kunsens tal- vittma."*

Ulterjorment fir-**Repubblika ta' Malta vs Deniro Bugeja**[17]il-Qorti Kriminali spjegat li:

*"It-tifsira li l-Legislatur ried jaghti lill-kuncett ta' kongungiment karnali hija wahda cara u ftit li xejn tehtieg spjegazzjoni ulterjuri. Izda sabiex kongungiment karnali jikkostitwixxi r-reat ta' stupru ai termini tal-Ligi kif in vigore illum, irid ikun sar minghajr il-kunsens tal-parti l-oħra. In verità l-element tal-kunsens dejjem kien element centrali ghall-finijiet tar-reat ta' stupru. In effetti kif osservat*

[17] Deciza fil-11 ta' Marzu, 2022.

*minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza Il-Pulizija v. Mark Taliana, deciza fis-17 ta' Dicembru 2001 Maino, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale - Vol 3 - pagni 178 u 179 jghid:*

*"L'indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volontà della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni più ovvie della vita."*
*Illi r-reat in kwistjoni gie emendat wara li Malta rratifikat il-Konvenzjoni ta' Istanbul fis-sena 2014 u sussegwentament giet enforzata fl-2018. Skond din il- konvenzjoni u l-legislazzjoni taghna giet emendata abbazi taghha, l-element formali ghar-reat ta' stupru huwa t-taghrif jew ahjar in-nuqqas ta' kunsens dwar jekk l-allegat vittma taghtix il-kunsens taghha jew le ghall-att sesswali.*

*Dejjem fir-rigward ta' l-element tal-kunsens, l-Artikolu 198(3) tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: l-atti msemmija fis-subartikolu (1)*

*ghandhom jitqiesu li sehhew minghajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx moghti volontarjament, b'rizultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest tac-cirkostanzi tal-kaz u l-istat tal-persuna fiz-zmien tar-reat, b'konsiderazzjoni ta' l-istat emozzjonali u psikologiku tal-persuna, fost konsiderazzjonjiet ohrajn.*

*L-element ta' kunsens jaghti piz lil awtonomija sesswali tal-persuna koncernata. Il-kunsens isehh meta persuna tawtorizza persuna ohra li taghmel dak li trid mill-persuna konsenti. Il-kunsens jista' jigi espress b'mod assertiv u car jew adirittura b'mod implicitu mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Zgur kif stqarret id-difiza sokor, dizzabilta', inabilitazzjoni u eta' jaffetwaw persuna ta' kif ghandha taghti l-kunsens taghha. L-att materjali ta' dan ir-reat huwa l- kongungiment karnali u f'dan il-kaz mhux jigi kkontestat pero' li hu inkontestat hu l-fatt jekk l-allegata vittma tatx il-kunsens taghha sabiex isehh l-att sesswali. F'dan il-kaz ghalhekk wiehed irid jagixxi fit-terminu ta' sub artikolu 3 tal- Artikolu 198. Huwa rikjest sine qua non ghalhekk li l-aggressur jkun jaf li l- allegata vittma tkun qed tikkonsentixxi qabel ma*

*fil-fatt jikkommetti dan l-att sesswali b'penetrazzjoni, fejn il-livell ta' prova li tista' tressaq il-prosekuzzjoni tista' tvarja minn kaz ghal iehor, specjalment meta tqis li generalment waqt il-konsumazzjoni ta' dan l-att ikunu prezenti biss l-aggressur u l-vittma. Li hu zgur pero li l-aggressur irid jemmen b'mod ragjonevoli li l-parti l-ohra qeghda taghti l-kunsens taghha u ghalhekk ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandhom jigu analizzati sabiex jigi determinat jekk l-aggressur hax xi passi sabiex jaccerta ruhhu mill-kunsens jew in-nuqqas tieghu.*

*Kuntrarjament ghal ligi Ingliza msejjha UK Sexual Offences Act fejn insibu definizzjoni ta' xi tfisser kunsens u cioe' fejn "a person ... agrees by choice, and has the freedom and capacity to make that choice" (Sexual Offences Act 2003, Article 74) il-ligi Maltija hija siekta. Kull ma tipprovdi l-ligi Maltija hija dwar il-kunsens huwa dak ipprovdut fis-sub-inciz 3 talArtikolu 198. Sta ghal din il- Qorti ghalhekk li ticcara x'ghandu jinftiehem bil-kelma kunsens fic-cirkostanzi li jwasslu ghal reat ta' stupru. Din il-Qorti ghalhekk f'sitwazzjoni fejn m'hemmx cahda diretta ghal partecipazzjoni f'tali att, trid tara jekk l-*

*agir tal- allegata vittma kienx wiehed univokament dirett sabiex iwassal lill-aggressur jifhem illi huwa ma riedx jippartecipa bl-ebda mod u li dak li kien ser isehh kien se jigi impost fuq il-persuna tal-vittma kontra r-rieda taghha. Il-Qorti dan tista' taghmlu biss jekk ic-cirkostanzi antecedenti tal-att ikunux tali li jinducu lill- aggressur jikkommetti l-att sesswali b'penetrazzjoni jew kienux dawk li jindikaw mod iehor.*

*Naturalment dan isir billi l-Qorti tqis fost kunsiderazzjonijiet ohrajn l-istat emozzjonali u psikologiku tal-allegata vittma. Il-fatt li l-allegat aggressur u l- allegata vittma jkollhom relazzjoni amoruza qabel il-kommissjoni ta' tali att bil-penetrazzjoni jaghmilha aktar difficli ghall-Qorti sabiex tiggudika lill-istess nies propju f'dak il-mument ta' konsumazzjoni tal-att sesswali bil-penetrazzjoni."*

Illi ghaldaqstant m'hemmx dubju illi dan l-att sar minghajr kunsens tal-vittma -Omissis- u dan intwera permezz ta' diversi fatturi fosthom id-diversi griehi li gew riskontrati tul gisimha kollu. Fosthom u mhux inkluz dik ta' selha kbira li kellha fuq wara ta' daharha li juri b'mod

car li din kienet fl-art waqt il-kommissjoni tar-reat. Dan jikkorrabora mal-verzjoni taghha li l-ewwel att sar mill-persuna bjonda fuq il-bonnett tal-karozza u t-tieni att, dak mill-persuna ta' kulur iswed, saret fl-art. Il-griehi juru wkoll li saret xi tip ta' kollutazzjoni bejnha u bejn l-aggressur u ghalhekk il-kunsens kien car u ovvju li ma kienx hemm waqt l-att. Fattur iehor hu d-diversi marki u grif li nstabu fuq il-wicc tal-imputat liema marki kienu ghadhom vizibilment friski u kwindi li jirrisalu ghall-istanti ezatt qabel ma nstab mill-pulizija liema griehi saru mill-vittma meta kien qed isir l-att hekk kif qalet hi stess fix-xhieda taghha. Prova ohra li tikkorrabora l-verzjoni taghha hija li l-vittma tghid li hija kellha z-zarbun taghha f'idejha u li uzatu sabiex taghti daqqa lill-imputat f'wiccu. Illi z-zarbun gie misjub fil-vicinanzi ta' fejn instab l-imputat bil-vittma kienet hafja waqt li kienet qed tfittex l-ghajjut.

Illi a rigward l-att per se, din il-Qorti ukoll m'ghandhiex l-ebda dubju li xi tip ta' penetrazzjoni mill-imputat sehhet. Huwa veru li l-vittma ssemmi persuna ohra li kkommettiet ir-reat tal-ewwel li tali persuna qatt ma nstabet, izda wkoll il-vittma ssemmi li l-imputat ippenetraha wkoll. Is-sottomissjoni li ghamlet l-abbli difensur li hija tghid li kellha flashes ma tippreokkupax lill-Qorti u dan ghaliex

huwa accettabbli li persuna li tkun ghadha kif sofriet stupru jkollha dawn it-tip ta' sinjali u tkun emozzjonali u mfixkla izda r-rakkont taghha minn dejjem kien wiehed kostanti fit-totalità tieghu. Fil-fatt hija stess tghid illi taf x'kien gara ezatt, li forsi setghet titfixkel il-kronologija tal-eventi li hija xi haga ferm accettabbli tenut kont tac-cirkostanzi.

Illi din il-Qorti ghalhekk hija konvinta mill-veracità tal-verzjoni tal-parte civile mhux biss minn dak li qalet li kien dejjem kostanti hlief xi dettalji zghar, xi haga li hija accettabbli fl-istat li kienet fih, izda anke mill-provi cirkostanzjali migbura.

F'dan il-kuntest qed issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri[18] fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** fejn gie dikjarat is-segwenti:

> ***"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika***

[18] Deciza 5 ta' Lulju 2002

*jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull*

***dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.***

***Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."***

Illi kif digà nghad il-provi cirkostanzjali jkomplu jsahhu l-verzjoni tal-parte civile, il-filmat ipprezentat mill-espert Keith Cutajar li jpoggi zewg persuni maskili, wiehed abjad u l-iehor iswed (bi hwejjeg simili hafna ghal dawn tal-imputat u li gew elevati) isegwu lill-parte civile, il-griehi fuq il-vittma kif ukoll fuq l-imputat, il-qatgha misjuba fil-parti intima tal-vittma kif ukoll tracci tad-demm li jindikaw penetrazzjoni forzata, kif ukoll tracci ta' acid phosphatase li nstabu fuq il-qalziet ta' taht tal-imputat u fuq il-parti ta' isfel tal-flokk tieghu dik vicin il-parti intima tieghu.

Issa d-difiza ppruvat ixxejjen dawn il-provi u tipprova tpoggi dubju dwar l-applikabilità taghhom. Dawn il-provi,

ghalkemm wehidhom ma jaghmlux prova shiha, ikomplu jsahhu l-verzjoni tal-vittma li l-istupru sar mill-imputat. Illi l-qatgha fil-parti intima tal-vittma juri li kien hemm penetrazzjoni forzata tenut kont li hija ma kinitx vergni, id-demm ukoll jindika dan tenut kont illi hija l-ahhar kellha mestrwazzjoni xi gimaghtejn qabel. L-acid phosphatase fuq il-hwejjeg tal-imputat juri li kien hemm tracci ta’ semen li hareg li kien tieghu. Issa ghalkemm dan jista’ jibqa’ fuq hwejjeg tul taz-zmien, il-post fejn instab il-prezenza tieghu jikkombacja mac-cirkostanzi kif sehhew. Finalment il-fatt li ma nstabu l-ebda tracci ta’ DNA ta’ terzi persuni fuq il-persuna tal-vittma ma jirrendix il-verzjoni taghha anqas kredibbli ghaliex l-imputat seta’ facilment egakula barra mill-persuna tal-vittma u addirittura qatt ma egakula.

__**It-Tieni Imputazzjoni: Artiklu 86 tal-Kodici Kriminali**__

Illi l-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jistipula:

> *“Kull min, bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew jaghti l-post biex fih*

*din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Izda, il-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa."*

Dwar dan l-Artikolu, fil-kawza gja citata **<u>Il-Pulizija vs Yannick Jonathan Chatelle</u>,** il-Qorti qalet:

*"Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista' jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment meta m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita' kompetenti u dan hu partikolari, li l-imputat ma kellux awtorita' skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd.*

*Izda min-naha l-ohra jista' jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Isabel Pantoja Ludena?*

*Din il-Qorti tara li l-elementi tal-Artikoli rilevanti ghal dan il-kaz huma tnejn - ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak*

*ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista' jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.*

*Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan ir-reat.*

*Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-subTitolu tat-Titolu 3 tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu - L-uzu kontra l-Ligi mill-privat tas-setghat tal- Awtorita' Pubblika - li jindika li taht dan il-Kapitolu jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita', ma jkunx punibbli.*

*Fi kliem l-awturi Smith & Hogan l-arrest jissusisti 'by words alone if one submits.' [vide Il-Pulizija v Albert Cassar deciza mill-Qorti talAppell Kriminali nhar is-sittax (16) ta' Novembru 1990.]*

*Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhal l-Artikolu 86 taghna (Fol 112 paragrafu 788 Vol II.) billi jghid:*

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

*Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale (Ed. 1977 pg 134) jghid:*

*"le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non e' totale ne occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E' necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

*Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija flerbatax (14) ta' Jannar, 1961 ipprecizat :*

*"che la privazione della liberta' di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace".*

*Element importanti ghall-ezistenza ta' dan ir-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Andrew Bonnici huwa li bniedem irid ikun ittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu."*

F'**Ir-Repubblika vs Deniro Bugeja**, intqal li:

*"Il-Qorti hija ben konxja mill-gurisprudenza lokali li qieset li r-reat t'arrest illegali kwalifikat ma jistax jitqies integrat meta si tratta taz-zamma ta' persuna sabiex din tkun tista' tigi stuprata. Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet Ir- Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-19 t'Ottubru 2006 saret referenza ghas-segwenti artikolu propju waqt li kienet qed titratta kaz fuq stupru. Dan l-artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi s- segwenti:*

*‘L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jghid li jkun hati tar-reat ta’ sekwestru ta’ persuna : “kull min, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lillprivat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata...”*

*Illi f’din l-istess sentenza qabel ma’ l-Imhallef ghadda sabiex jispjega il- fattispecje tal-kaz ghamel referenza ghall-insenjament tal-Professur Sir Anthony Mamo propju fuq ir-reat in dezamina u jghid is-segwenti.*

*“the words “arrest” “detention” and “confinement” are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : “Il reato preveduto nell’articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.”(ROBERTI – ibid, para 323) ...Thus a person may be arrested without being*

*incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.” (Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40])*

*F’din il-kawza appena msemmija meta l-Ispettur prosekutur giet mistoqsija in kontroezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta’ sekwestru tal- persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li ‘din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li lakkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.’ Dik il-Qorti fis-sentenza taghha stqarret li:*

*‘dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta’ stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba’ Kapi jew dik ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn “consenting adults” taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta’ sekwestru ghax hu risaput li f’ hafna kazi l-att sesswali f’ certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta’ persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed*

*isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. Inoltre dan is- sokrien ma jirrizultax li sar fil-kaz taz-zewg akkuzati. Imma ancorche' kellu jirrizulta li l-akkuzat Denis Pandolfino f' xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mall-minuri, jew ma xi wiehed minnhom, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom.*

*Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti, z-zewg kapi tal-att ta' l-akkuza li jirrigwardaw is-sekwestru tal-persuna fil-konfront taz-zewg akkuzati ma gewx pruvati."*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Shawn Tabone** [19] intqal hekk:

[19] deciza fis-6 ta' Jannar, 2012 per Imh Lawrence Quintano.

*"L-appellant kien akkuzat b'sekwestru tal-persuna ai termini talartikolu 86 fejn wiehed 'jarresta, jżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha.' Skont il- Professur Mamo: 'The words 'arrest', 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: 'Il reato preveduto nell'articolo 86 esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o commina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalment si trasporti da un luogo ad un altro.' (Roberti para 323) The illegal arrest may subsist as an offence although it is not followed by detention or confinement. Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in a place; or be detained in his own house without having been previously arrested; or may be confined in a lonely place, or may, by a fresh act of violence, be confined in a place where he is.' (Notes on Criminal Law part II pages 35 and 36). L- Antolisei jikkommenta hekk dwar dan ir-reat: 'L'elemento oggettivo consiste nella privazione della liberta' personale, la quale qui va intesa in senso restrttivo, e cioe' come liberta' spaziale o*

*liberta' di muoversi nello spazio (liberta' di locomozione). ......nel sequestro di persona la limitazione concerne tutta la zona della libera locomozione o una determinata serie o specie di movimenti. ......Risponde del reato in esame tanto chi chiude una persona in una stanza, impendendole di uscirne, quanto chi omette di restituire ad un terzo la sua liberta' di movimento, trattendeol indebitamente nel luogo cui e' rinserrato......E' necessario, peraltro, che la perdita della liberta' si protragge per un periodo di tempo di un certo rilievo......... L'elemento soggettivo consiste nella coscienza e volonta' di privare taluno della sua liberta' personale, senza averne l'autorizzazzione. Non occorre alcun fine speciale'.*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri **Il-Pulizija vs James Demanuele** [20]gie ritenut li:

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap 9 irid jirrizulta li l-vittma giet imwaqqfa, mizmuma jew mehuda*

[20] deciza fit-2 ta'Ottubru, 2000.

*minn post għall- ieħor kontra l-volontà taghha u, s'intendi minghajr awtorita' legittima.'*

Illi fir-rigward tal-kaz in ezami, il-vittma xehdet li hija giet mizmuma minn idejha mill-persuna l-bjonda waqt li l-imputat kien qed jippenetraha. Irrizulta wkoll li dan sar kollu kontra r-rieda tal-vittma tant li f'xi hin hija uzat iz-zarbun taghha sabiex taghti daqqiet lill-istess imputat.

Mill-assjem tal-provi, anke dawk imsemmija hawn fuq, din il-Qorti ma ghandhiex dubju, li l-vittma ma kinitx libera li titlaq minn taht idejn l-imputat u ghalhekk tali akkuza giet ippruvata.

## It-tielet akkuza – Offiza ta' Natura Hafifa

Illi a skans ta' ripetizzjoni digà gie ritenut illi l-vittma sofriet griehi ta' natura hafifa waqt il-kommissjoni ta' dan ir-reat imma gialadarba ir-reat ta' stupru huwa aggravat bid-dispozizzjoni tal-Artikolu 202(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ser tkun qed tigi applikata din il-piena hekk kif aggravata.

## Ir-raba' akkuza – Recidiva

Illi din il-Qorti tirrileva illi gialadarba l-imputat qed jigi akkuzat bl-addebitu tar-recidiva taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u gialadarba huwa rekwizit principali li l-piena originali tkun skontata, jidher illi f'dan il-kaz il-multa inflitta permezz ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Doreen Clarke datata 5 ta' Mejju 2018[21] qatt ma thallset sakemm damu dawn il-proceduri u ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dan l-addebitu.

**Il-hames akkuza – Ksur Ordni ta' Probation**

Illi gialadarba l-imputat kien gie misjub hati ta' pussess tad-droga Cannabis ghal uzu personali f'ammont zghir hafna u gialadarba dan ir-reat illum il-gurnata huwa depenalizzat u minhabba l-principju tal-piena l-aktar favorevoli, din il-Qorti mhix ser tkun qed tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 86, 87(1)(c), 198(1)(4)(5), 202(f), 206, 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Eyob Melake Ecobagaber** hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal disa' (9) snin prigunerija effettivi li minnhom jitnaqqas dak il-

[21] Folio 92 et seq.

perjodu digà skontat taht arrest preventiv, filwaqt li ma ssibux hati tal-addebitu tar-recivida (raba' (4) akkuza) u tastjeni milli tittratta mieghu a rigward l-akkuza numru hamsa (5).

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal erbat elef, tliet mija u disgha u sittin ewro u tnax-il centezmu (€4,369.12c).

Finalment tordna li isem il-vittma ma jixxandarx minn fuq kull mezz tax-xandir u minn kull pubblikazzjoni fuq il-medja.

____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**